**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon LL.D. – Agent President**

**Onor. Imħallef Abigail Lofaro LL.D.**

**Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta` April 2018**

**Att ta' Akkuza**

**Nru. 40/2007**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Ronald sive Ronnie Azzopardi**

**Il-Qorti :**

**1.**Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-02 ta' Ottubru 2007, kontra Ronald sive Ronnie Azzopardi li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah:

**Fl-Ewwel Kap** wara li ippremetta illi fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, 2003 ghall-habta ta' nofs il-lejl fi Triq Sant'Antnin, Marsaskala, waqt li Giovanni sive Jonathan Spiteri kien ghaddej bil-vettura Toyota Corolla AAT-091 hu gie avvicinat minn Ronald sive Ronnie Azzopardi li kien fuq mutur li spara b'pistola hames tiri fid-direzzjoni tal-istess Spiteri li ntlaqat fi spalltu. Illi Azzopardi ghamel dana dolozament bil-hsieb li joqtol lil Spiteri jew li jqieghdlu l-hajja tieghu f'periklu car, izda fortunatament rrnexxielu jisgicca w dana wkoll minkejja li peress li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu Spiteri baqa' diehel go hajt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Lulju 1999 l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi nstab hati ta' delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi recidiv, hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu. Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba` snin sa l-ghomor skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta **fit-Tieni Kap** illi fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, 2003 kif indikat fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza Ronald sive Ronnie Azzopardi kellu f'idejh u fuqu arma tan-nar (pistola) u munizzjoni minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. B'din l-arma hu spara b'intenzjoni omicida fuq Giovanni Spiteri.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond, arma tan-nar jew munizzjon, jew kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu jew

fuqu xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Lulju, 1999 l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi instab hati ta' delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi recidiv, hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond, arma tan-nar jew munizzjon jew kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu. Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa erba' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,3(1)(1A), 19 u 27 tal-Kap. 66 u flartikoli 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta **fit-Tielet Kap** illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe` Marsaskala fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, 2003 Ronald sive Ronnie Azzopardi volontarjament ghamel hsara fuq il-vettura Toyota Corolla AAT-091 ta' sidha David Spiteri minn Bormla ta' aktar minn hamsin liri (LM50) waqt li din kienet qed tinstaq minn Giovanni sive Jonathan Spiteri.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn hamsin liri izda taht il-hames mitt lira.

Illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Lulju, 1999 l-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi nstab hati ta' delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ronald sive Ronnie Azzopardi recidiv, hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn hamsin liri izda taht hames mitt lira. Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn hames xhur sa sena w nofs skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fid-29 ta' Marzu 2011 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dak in-nhar stess li bih b' sebgha (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Ronald sive Ronnie Azzopardi hati tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kapi ta'l-Att ta'l-Akkuza, u allura recediv u hati talli:

1. fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, 2003 ghall-habta ta' nofs il-lejl fi Triq Sant'Antnin, Marsaskala, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, 2003, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond, arma tan-nar jew munizzjon jew kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, 2003, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn hamsin liri izda taht hames mitt lira, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

**3.** Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 325(1)(b), 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll 2, 3(1)(1A), 19 u 27 tal-Kap. 66, ikkundannat lill-ħati Ronald sive Ronnie Azzopardi għall-piena ta' ghoxrin (20) sena prigunerija, kif ukoll ikkundannatu ihallas is-somma ta' elf, erba' mija w disgha w tletin Euro u disgha w sebghin centezmi (€1439.79), rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u ordnat finalment illi jekk l-ispejjeż tal-perizji ma

jithallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tad-decizjoni, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**4.** Rat ir-rikors tal-appell imressaq mill-akkuzat Ronald sive Ronnie Azzopardi fil-11 ta' April 2011 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tirrevoka l-verdett tal-gurati u s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali tad-29 ta' Marzu 2011 in kwantu sabitu hati ta'l-akkuzi dedotti kontrih u ikkundannatu ghal ghoxrin sena prigunerija u il-hlas ta' €1439.79, rappresentanti l-ispejjez peritali u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellanti talab li tigi imposta piena aktar ekwa u gusta.

**5.** Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Generali fit-23 ta' Awwissu 2013.

**6.** Semghet trattazzjoni.

**7.** Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat,**

**8.** Illi l-appellant fir-rikors tal-appell minnu intavolat iressaq diversi aggravvji marbuta kemm mal-apprezzament tal-provi li saret mill-gurija popolari, kif ukoll diretti lejn id-decizjoni mehuda mill-Ewwel Qorti fejn giet michuda it-talba tieghu sabiex il-guri jigi xjolt u dana wara ix-xhieda moghtija minn certu Mary Rose Cassar. Fil-kors tat-trattazzjoni orali, madanakollu l-ilmenti tal-appellanti jiehdu bixra kemmxejn differenti. Dan x'aktarx ghaliex l-avukat difensur kien wiehed differenti mill-firmatarju tar-rikors tal-appell, u allura kien hemm bdil fil-hsieb dwar l-allegati nuqqasijiet li sehhew matul il-kors tal-guri,

sabiex b'hekk tirrizulta kontradizzjoni f'dak mistqarr fir-rikors ta'l-appell u s-sottomissjonijiet orali maghmula waqt it-trattazzjoni.

**9.** Dan ghaliex meta l-appellant ressaq l-appell tieghu huwa ma kellu l-ebda oggezzjoni ghal mod kif l-Imhallef li ippresjeda il-guri indirizza lill-gurati, meta sahansitra fir-rikors tal-appell jistqarr illi l-Ewwel Qorti ghamlitha kwazi carissima mal-gurati illi l-akkuzat ma kienx il-persuna li wettaq ir-reat. Fis-sottomissjonijiet tieghu imbaghad, id-difensur tal-appellant jishaq illi l-gurati wasslu ghal verdett ta' htija minhabba nuqqas ta' direzzjoni (*misdrection*) moghtija mill-Imhallef fejn allura ma giex spjegat lilhom sew il-punti ta' dritt rigwardanti il-livell ta' prova mehtiega mill-Prosekuzzjoni ghalbiex jkun hemm sejbien ta' htija, ir-regoli dwar il-korroborazzjoni, u ukoll meta b'mod erronju gie indikat lill-gurati illi l-ahhar zewg akkuzi kienu ta' natura kontravvenzjonali, meta dawn fil-fatt kienu delitti.

**10.** Hija gurisprudenza kostanti li gjaladarba tigi specifikata r-raguni, jew jigu specifikati r-ragunijiet ta' l-appell, l-appellant ikun marbut b'dik ir-raguni jew b'dawk ir-ragunijiet, fis-sens li tkun biss dik ir-raguni jew dawk ir-ragunijiet li jistghu jigu kkunsidrati mill-Qorti, salv, naturalment, aggravju jew aggravji li jistghu jitqiesu li huma komprizi u involuti fl-aggravju jew fl-aggravji kif specifikati. [1]

> **"Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors "ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil-qosor imma cari, ir-raguni ta' l-appell u t-talba ta' l-appellant".**[2]

[1] Ara il-Pulizija vs Darren Attard – 03/09/2001

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace 07/11/2002 App. Sup.

**11.** Maghdud dan, il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant ma setax ibiddel l-ilmenti tieghu ghal kundanna maghmula fil-konfront tieghu u dan fl-istadju ta' trattazzjoni orali, meta imbaghad huwa ghazel li jigi assistit minn avukat difensur differenti, bir-rizultat illi dawn il-lanjanzi 'godda', kif inghad, mhux biss lanqas issemmew fir-rikors tal-appell izda *di piu'* huma sahansitra in kontradizzjoni mal-aggravvji imfassla fl-istess rikors. Fil-fatt fl-ebda wiehed mit-tlett aggravvji li iqanqal l-appellant ma hemm kritika lejn l-indirizz tal-Imhallef, izda addirittura ifahhar tali indirizz meta ighid illi dan kien qed jimmilita favur il-liberazzjoni tieghu mill-akkuzi dedotti kontra tieghu. L-uniku kritika li iqanqal l-appellant dirett lejn l-indirizz huwa biss meta jishaq illi ma giet moghtija ebda direzzjoni mill-Imhallef dwar x'piz kellha tinghata ix-xhieda ta' Mary Rose Cassar fejn din semmiet incident meta tqieghdet bomba mal-vettura taghha.

**12.** Jinghad biss illi wara ezami li ghamlet din il-Qorti tal-indirizz tal-Imhallef ma jidhirx illi l-gurati gew iggwidati hazin, la fuq il-mod kif il-provi kellhom jigu minnhom ezaminati u lanqas ghar-rigward tar-reati addebitati lill-appellant:

> **"Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi miscarriage of justice.[3]"**

**13.** Issa minn ezami tal-indirizz ma jidhirx illi bid-direzzjoni li inghatat setghet issehh dik il-*miscarriage of justice* li tikkontempla l-ligi. Fl-ewwel lok fuq il-livell tal-prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni, l-Imhallef ighid hekk:

> **"Din il-prova biex tkun sodisfacenti trid tkun minghajr dubbju dettat ir-raguni, without reasonable doubt ... Ma tistghux tasslu ghal htija biss fuq probabbilita' ... imma tridu tmorru oltre. Tridu tkunu aktar decizi**

[3] Ir-Reppubblika ta' Malta vs Paul Hili deciza App. Sup. 19/06/2008

**fil-hsibijiet taghkom .... u jara li fikom ihallielkom dak il-konvinciment illi iva hekk gara."**

**14.** Wara dan igibilhom xi ezempji biex jispjegalhom dan il-kuncett legali u jishaq illi sabiex jasslu ghal dikjarazzjoni ta' htija iridu jkunu konvinti mit-tezi ipprospettata mill-Prosekuzzjoni.

**15.** Bl-istess mod meta jispjegalhom il-kuncett legali dwar il-korroborazzjoni jishaq maghhom:

> **"Qiesu li l-corroboration ma tkunx repetizzjoni imma tkun vera corroboration, tkun l-istess verzjoni pero' moghtija mod iehor, bi kliem iehor, bi kliem dettalji li forsi ma jaqbilx pero' jaqbel fis-sustanza. Imma taqghux fit-trappola illi ghax persuna qal l-istess haga bhal iehor kwindi dik hija korroborazzjoni. Hemmehkk hemm il-perikolu li jkun hemm repitizzjoni."**

**16.** Illi anke hawnhekk l-Imhallef kien qieghed jaghti direzzjoni lill-gurati illi ghalkemm verzjoni ma tkunx identika bhal ohra, izda jekk din taqbel fis-sustanza allura il-korroborazzjoni tirrizulta. U hawn igib id-distinzjoni bejn il-korroborazzjoni u ir-repetizzjoni li fiha innifisha tista' tipprezenta il-perikolu taghha. F'kull kaz:

> **"It is a matter for the judge's discretion what, if any warning, he considers appropriate in respect of such a witness as indeed in respect of any other witness in whatever type of case. Whether he chooses to give a warning and in what terms will depend on the circumstances of the case, the issues raised and the content and quality of the witness's evidence. …**
>
> **Whether a warning is given and the terms of any warning given are matters of judicial discretion. In *Stone* the Court of Appeal reiterated the need to examine the particular circumstances of the case before reaching a judgment as to the terms in which the requirement for**

**caution should be expressed. A possible starting point, drawing on Turnbull is to warn the jury of the special need for caution before acting on the disputed evidence, and to explain the reason why such caution is required.[4]"**

**17.** Finalment lanqas ma tirrizulta xi nuqqas ta' direzzjoni fir-rigward ta' kif il-gurati kellhom jiddeciedu dwar iz-zewg akkuzi addebitati lill-appellant fit-tieni u it-tielet kapi tal-Att tal-Akkuza u dan meta jindikalhom hekk:

**"Mela nibdew bl-att tal-akkuza …. Dana hemm tliet kapi b'kollox imma wahda ghandna serja, l-ohrajn huma ta' natura kontravvenzjonali 'il ghaliex il-ligi taghna ghandha zewg skedi ta' reati bhal ma ghandna d-dnubiet venjali u d-dnubiet mejta. L-ewwel wiehed huwa d-dnub il-mejjet, l-ohrajn huma d-dnubiet venjali."**

**18.** Illi ghalkemm huwa minnu illi f'din il-parti tal-indirizz, l-Imhallef jindika illi l-akkuzi li jikkontemplaw ir-reati dwar il-hsara volontarja u dak dwar il-pussess ta' arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija huma ta' natura kontravvenzjonali, meta dawn huma delitti, madanakollu dan x'aktarx sehh sabiex huwa jaghmel distinzjoni bejn dak li kien ir-reat l-aktar serju u cioe' dak imhaddan fl-ewwel kap ta'l-Att tal-Akkuza, meta imqabbel mat-tieni u it-tielet kapi. Fil-fatt iktar il quddiem fl-indirizz, huwa imbaghad jispjegalhom l-elementi legali li isawwru dawn iz-zewg reati, u ma jindikalhomx illi dawn huma ta' natura kontravvenzjonali. Jidderigiehom sabiex jekk isibu htija ghar-rigward tal-ewwel reat li huwa iqabblu mad-dnub il-mejjet, allura konsegwentement u necessarjament trid tinstab htija ghaz-zewg reati l-ohra u cioe' l-isparara tal-arma tan-nar minghajr licenzja u il-hsara fuq il-vettura tal-vittma konsegwenzjali ghall-isparatura li sehhet fid-direzzjoni tal-istess, li huwa

[4] www.judiciary.gov.uk - crown-court-compendium-pt1-jury-and-trial-management-and-summing-up-nov2017

isejjhilhom bhala id-dnubiet venjali. Bl-ebda mod dan ma jista' isarraf f'nuqqas ta' direzzjoni.

**19.** Illi ghalhekk ezaminati dawn it-tlett lanjanzi diretti lejn siltiet mill-indirizz finali tal-Imhallef, din il-Qorti tistqarr illi difficilment tista' tasal ghal konkluzjoni illi l-gurati setghu wasslu ghal verdett erronju minhabba fid-direzzjoni moghtija in konnessjoni ma' dawn it-tlett elementi ta' dritt. Illi allura ghalkemm, kif inghad, din il-Qorti tqies *in primis* illi tali lanjanzi lanqas jisthoqqilhom li jigu ikkunsidrati billi tressqu biss fi stadju inoltrat ta' dawn il-proceduri u ma jissemmewx fir-rikors tal-appell, madanakollu minn ezami li ghamlet il-Qorti taghhom, u dan ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, tqies xorta wahda illi l-istess ma jisthoqqilhomx akkoljiment.

**<u>L-aggravvju li jitratta it-talba ghax-xoljiment tal-guri.</u>**

**20.** Illi qabel ma tinoltra ruhha f'ezami ta' dan l-aggravvju, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm l-appellant, permezz ta' dan l-aggravvju, qieghed jirribadixxi illi ghandu jkun hemm is-smigh mill-gdid tal-guri u dan ghaliex bil-fatt illi l-Ewwel Qorti baqghet ghaddejja bis-smigh tal-kaz, wassal sabiex inholoq pregudizzju irrimedjabbli ghall-appellant, madanakollu fir-rikors tal-appell, huwa ma iressaq l-ebda talba fit-termini tal-artikolu 508 tal-Kodici Kriminali, izda biss talba fit-termini tal-artikolu 501.

**21.** Maghdud dan madanakollu t-talba ghax-xoljiment tal-guri jista' isir biss fil-parametri tal-ligi imfassla fl-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali u cioe' meta fil-kors tal-guri jinghad lill-gurija li l-persuna akkuzata kienet **giet qabel misjuba hatja u ikkundannata** ghal reat jew reati ohra. Dan ifisser allura illi jekk xhud isemmi kundanni precedenti tal-persuna akkuzata allura hemmhekk ser jinholoq pregudizzju irrimedjabbli li ghandu iwassal ghax-xoljiment tal-guri.

Izda din ir-regola ma hijiex wahda assoluta. Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta:

> ***"Minkejja li gie ritenut meta l-gurija tkun thalliet tisma' xhieda dwar kundanna precedenti ta' l-akkuzat ikun ferm difficli ghall-gurija li tinjora tali xhieda, dan ma jfissirx li necessarjament il-guri jkun irid jinhall. Id-decizjoni ta' l-Imhallef tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-Qorti ta' l-Appell bhala regola ma tindahalx fl-uzu tad-diskrezzjoni tal-gudikant ta' l-ewwel istanza.***
>
> ***Kull decizjoni tiddependi fuq il-fatti partikolari tal-kaz u tiddependi fuq in-natura tal-prova, ic-cirkostanzi li fihom tkun saret tali prova u ta' dak li jkun l-ahjar li jsir fic-cirkostanzi. Gie ritenut li l-fatt li d-difiza stess kienet responsabbli ghall-produzzjoni tal-provi lamentati; u li l-grad ta' pregudizzju ghall-akkuzat ikun gie minimizzat mill-indirizz ta' l-Imhallef lill-gurija kienu jimmilitaw kontra x-xoljiment tal-gurija.***
>
> ***Meta tigi prodotta prova pregudizzjevoli ghall-akkuzat id-difiza ghandha toggezzjona u titlob li jinhall il-guri. Jekk ma jsirx hekk, appell bazat proprju fuq dik il-kwistjoni normalment ma jigix akkolt minkejja li c-cirkostanzi jkunu tali li t-talba ghax-xoljiment kienet tintlaqa' kieku saret mal-ewwel[5]."***

**22.** Illi fl-imsemmija decizjoni gew iccitati awturi u guristi emminenti fil-kamp penali meta inghad:

> ***"Dak li dwaru l-appellant qieghed jilmenta huwa dak li Blackstone jirreferi ghalih bhala accidental prejudice (Blackstone's Criminal Practice 2001, para. D11.21 pag. 1368). Hemm naqraw:***
>
> ***"The way in which this most commonly arises is if a witness refers to the accused's bad character during a trial where character has not been put in issue. The leading authority is Weaver [1968] 1 QB 353 which held that, even in such cases, whether or not to discharge the jury is for the judge's discretion. Although it had been said in Palmer***

[5] Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci – App. Superjuri 08/07/2004

***(1935) 25 Cr App R 97 that, once a jury was wrongly allowed to hear evidence of a previous conviction, it was very difficult for them to dismiss that evidence from their minds, that case should not now be treated as establishing a general rule that they must inevitably be discharged. How the judge should act will depend on the facts of the particular case…."***

***F'Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw f'para. 8-203, pagna 1145:***

***"Where it is accidentally elicited during the course of the case for the Crown that the defendant has been previously convicted the decision whether or not to discharge the jury is one for the discretion of the judge on the particular facts, and the Court of Appeal will not lightly interfere with the exercise of that discretion. Every case depends on its own facts and it is far from being the rule that in every case where something prejudicial to the defendant has been admitted in evidence through inadvertence, the jury must be discharged: R. v. Weaver and Weaver [1968] 1 Q.B. 353, 51 Cr.App.R. 77, CA, followed in R. v. Palin, 53 Cr.App.R. 535, CA. Where such irregularity occurs during the trial of a defendant who is not represented by counsel, it is the duty of the judge to warn him that he has the right to apply that the jury should be discharged and the trial started afresh: R. v. Featherstone, 28 Cr.App.R. 176, CCA; R. v. Fripp and Jones, 29 Cr.App.R. 6, CCA."***

**23.** Issa f'dan il-kaz taht il-lenti tal-Qorti jidher illi matul il-kors tax-xhieda ta' Mary Rose Cassar (li kienet is-siehba ta' hu l-akkuzat, id-defunt Jason Azzopardi) li sehhet fit-22 ta' Marzu 2011, din ix-xhud hekk stqarret fil-kors ta-xhieda taghha:

***"L-akkuzat fil-fatt prova joqtolni lili ghax ghamilli bomba mal-karozza iktar wara imbaghad....***

***Imma jien tlett gimghat qabel ma ghamluli l-bomba mal-karozza iltqajt mieghu ghax konna ser nirrangaw fuq il-Mercedes, ma irrangajniex ghax lili ma riedx jaghtini l-flus. Dak in-nhar qalli persuna, qalli oqghod attenta ghax Ronnie Azzopardi qed ifittex minn fejn jixtri bomba. Jien***

***ma emmintux, lanqas ghamilt rapport, imma tliet gimghat wara l-bomba saret vera. Ghax forsi ma temminx ghax ighidulek in-nies imma xi kultant minnu jkun."***

**24.** U l-Qorti hawnhekk waqqfet lix-xhud u wissietha b'dan il-mod:

***"Sinjura, inti tista' tghid biss illi kont f'negozjati ma'l-akkuzat ghal bejgh tal-karozza tieghek, dawn in-negozjati ma rnexxewx, tliet gimghat wara inti sibt bomba mal-karozza tieghek. Dawk huma l-fatti li inti tista' tghid quddiem din il-Qorti, imbaghad jispetta ghal min irid jiggudika jaghmilx connection jew le. Legalment dik hija s-sitwazzjoni, inti personalment tista' taghmel il-connection li trid, hadd ma hu sidek, u tista' tasal ghal konkluzjoni li trid, imma ahna qeghdin hawnhekk f'Qorti ta' Ligi, u f'Qorti ta' Ligi ma nistghux naghmlu li irridu, ahna marbutin b'regoli partikolari u inti tista' tghidilna biss dan."***

**25.** Illi f'dan l-istadju id-difensur tal-appellant talab ix-xoljiment tal-guri minhabba l-fatt illi din ix-xhud kienet xehdet fuq incident iehor mhux relatat mal-kaz dwar allegata bomba mal-vettura taghha, u dan ghaliex kien tal-fehma illi l-akkuzat kien ser isofri pregudizzju irrimedjabbli meta din ix-xhud implikat lill-akkuzat bhala il-persuna responsabbli ghal dan l-incident li fuq kollox sehh wara li huwa kien tressaq akkuzat f'dawn il-proceduri, liema kaz dwar spluzjoni ta' bomba kien f'dak iz-zmien ghadu *sub-iudice*.

**26**. Illi l-Ewwel Qorti hekk iddecidiet dwar it-talba tad-difiza ghax-xoljiment tal-guri:

***"Jidhrilha li filwaqt li hu minnu illi kien hemm element ta' hearsay fix-xhieda ta' Cassar illi setghu kienu ta' pregudizzju ghad-difiza, il-Qorti mal-ewwel waqqfet lill-istess Cassar u wissietha b'certa diskors li semghet minghand terzi ma' setghux jigu ripetuti f'din l-awla. Fortunatament ma saret l-ebda referenza ghal xi proceduri gudizzjarji li jista' jkun jew ma jkunux involut fihom l-akkuzat fejn allura l-***

***pregudizzju kien ikun aghar. Ghalhekk spetta ghall-Imhallef sedenti li kif diga ghamel fil-kors ta' din il-kawza iwissi lil gurija dwar l-importanza tar-regoli tal-hearsay li jista' facilment jigu mifthiema mill-gurija. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-pregudizzju ma kienx daqshekk serju li jwassal ghall-estremi tax-xoljiment tal-gurija. Soggetti dejjem ghal kawteli li l-Imhallef ghandu jibqa jgib ghall-attenzjoni tal-gurija. Il-Qorti ghalhekk tichad it-talba u tordna il-prosegwiment tal-guri."***

**27**. Issa l-appellant jilmenta illi l-Imhallef li ippresjeda il-guri, ma ghamilx dan fl-indirizz finali fejn ma isemmi xejn dwar dak allegat minn Cassar fix-xhieda taghha u li dan kellu jigi skartat minnhom billi kien jikkostitwixxi *hearsay evidence*, izda semma biss b'mod generali r-regoli dwar din ix-xorta ta' evidenza u x'piz kellu jinghata lill-istess minghajr ma jidhol fil-partikolari tax-xhieda ta' Cassar.

**28.** Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-Indirizz tal-Imhallef li ippresjeda il-guri u fuq il-principju tal-"*hearsay evidence*" jindirrizza lill-gurati b'dan il-mod u dan wara li jispjegalhom il-punti ta' dritt fir-rigward tar-reati addebitati lill-appellant:

**"Issa naraw daqsxejn ix-xhieda li ghandna quddiemna. X'gie pruvat Sinjuri? Xi provi tressqu quddiemna? Kif ghandna narawhom. L-ewwelnett irridu neliminaw kull prova hearsay illi setghet ingabet quddiemna u kellna hafna minn dawn. Tafu illi matul il-process diversi drabi jiena indirizzajtkom u spjegajtilkom ir-regoli tal-hearsay, biex toqghodu attenti illi dawn teliminawhom. Meta tigi persuna u tghidlek illi semghet lit-tali jghid xi haga fuq xi hadd dik hija hearsay ghax ma tistax tigi kkontrollata. Jiena miniex qed nghid illi dik il-persuna ma semghetx dak id-diskors pero' l-kontenut ta' dak id-diskors ma jistax jigi verifikat."**

**29.** Imbaghad ighaddi sabiex jaghti ezempji lill-gurati dwar dak li jikkostitwixxi l-hekk imsejjah "hearsay". Iktar 'il quddiem jaghti succint ta' dak li qalet ix-xhud Mary Rose Cassar, u ma isemmi xejn dwar l-allegazzjoni li saret minnha in

konnessjoni mal-incident li sehh fejn tpoggiet bomba mal-vettura taghha, izda isemmi biss dawk il-fatti li johorgu mix-xhieda taghha.

**30.** Illi abbinat mad-direzzjoni li jaghti l-Imhallef lill-gurati, imbaghad ma jistax jigi injorat dak mistqarr mill-Prosekutur fil-kors tar-replika li saret wara l-arringa tad-difiza.

> **"U Rose Cassar biex niccaraw punt saret referenza ghal hearsay fuq il-bomba. ... Fuq dak li qalet hawn, lanqas ma nirrepetih, qiskom ma smajtuhx u ma taghtux kaz."**

**31.** Dan ifisser allura illi l-Prosekuzzjoni stess indikat lill-gurati illi kellhom jinjoraw dik il-parti tax-xhieda ta' Mary Rose Cassar, li *del resto* kienet xhud tal-Prosekuzzjoni, fejn irrakontat l-episodju dwar il-bomba mal-karozza.

> ***"The Court of Appeal has on several occasions reminded judges of the need for care in crafting directions in order to ensure that hearsay evidence is considered fairly and that the jury are warned about the limitations of such evidence. The strength of the warning depends on the facts of the case and the significance of the hearsay evidence in the context of the case as whole[6]."***

**32.** Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet allura ma jidhirx illi l-indirizz seta' wassal sabiex il-gurati jaghtu piz probatorju lil dik il-parti tax-xhieda ta' Cassar li tikkostwitwixxi *hearsay*, iktar u iktar f'dan il-kaz partikolari fejn il-Prosekuzzjoni stess idderigiet lill-imhallfin tal-fatt sabiex jiskartaw tali prova.

**33.** Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-aggravvju imressaq mill-appellant marbut max-xhieda ta' Mary Rose Cassar u d-direzzjoni moghtija lill-gurati dwar l-istess ma jisthoqqilhiex akkoljiment u qed tigi rigettata.

[6] www.judiciary.gov.uk

**<u>L-aggravvju dwar l-apprezzament tal-provi.</u>**

**34**. L-appellant f'dan l-aggravvju minnu intentat jibqa' jishaq l-innocenza tieghu. Isostni illi huwa ma setax kien il-persuna li spara lejn Jonathan Spiteri billi fil-hin li sehh dan l-event kriminuz huwa kien qieghed fil-kumpanija tas-siehba tieghu Rita Azzopardi u binha Clayton, u dan meta dawn it-tlieta minn nies harrgu mawra tard bil-lejl bil-vettura tal-imsemmija Rita Azzopardi. Fil-fatt dawn ix-xhieda jikkorroborraw il-verzjoni moghtija minnu fl-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija mal-arrest tieghu lura fis-07 ta' Jannar 2003. Isejjes b'mod ewlieni din il-lanjanza fuq is-segwenti fatti probatorji:

i. Il-mutur li allegatament intuza fil-kummissjoni tar-reat ma' setax kien l-istess wiehed appartenenti lil huh il-mejjet u li gie elevat mill-pulizija billi dak esebiet in atti ma setax jinstaq bid-difetti kollha li kellu u minghajr dawl u dan kif jikkonferma l-espert Joseph Zammit.

ii. In-nuqqas ta' attendibilita` tax-xhieda tal-vittma Giovanni sive Jonathan Spiteri b'mod ewlieni l-inkonsistenzi fil-verzjonijiet moghtija minnu lill-espert u lill-pulizija *a tempo vergine* ma' dak li jixhed tul il-kumpilazzjoni u imbaghad fil-guri fejn ghal-ewwel jishaq illi kellu suspett biss fl-appellant, izda iktar tard imbaghad isostni illi gharrfu.

iii. Il-fatt illi l-appellant kellu *alibi*, kif inghad, fil-persuni ta' Rita u Clayton Azzopardi.

iv. Ir-rizultati tal-*gun shot residue* kienu biss indikattivi u mhux unici u kwindi dik il-prova maghmula permezz ta' dawn il-kampjuni kellha tigi skartata.

v. Il-fatt illi hemm prova illi fin-00:30 u cioe' fil-hin meta allegatament sehh is-sinistru mertu tal-kaz fil-lejl bejn il-05 u is-06 ta' Jannar 2003 il-vettura

tal-vittma kienet ghada ipparkeggjata Wied il-Ghajn tant illi kien wehel citazzjoni ghaliex kien ipparkeggjat kontra il-ligi.

**35.** Issa huwa indubitat illi dawn il-provi probatorji kollha gew ipprezentati lill-gurati, li wara id-debita direzzjoni mill-Imhallef li ippresjeda il-guri kienu f'posizzjoni jannalizzaw x'piz kellha tinghata lil kull prova u min mix-xhieda mismugha kien l-iktar verosimili u konsistenti. Illi kif gie ripetut diversi drabi mill-qrati:

> ***"Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel il-Qorti tal-Appell hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi w tirrimpjazzaha b' taghha, kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem jinghad, mhux lecitu ghall-Qorti tal-Appell li tinvadi t-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri, irid ikun in kontradizzjoni manifesta w assoluta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b' mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala assolutament infondat."*** [7]

**36.** Dan qed jinghad ghaliex l-appellant isib oggezzjoni ghal fatt illi l-gurati ghogobhom jaghtu affidament lil verzjoni tal-fatti moghtija mill-vittma u dan meta indika lill-appellant bhala dik il-persuna li sparatlu filwaqt li kien fil-vettura tieghu. Jikkontendi illi meta mitkellem *a tempo vergine* mill-espert tal-Qorti il-Perit Richard Aquilina, u li hadlu x-xhieda bil-gurament, huwa indika li kellu suspett fl-appellant billi kien rah ftit tal-hin qabel gewwa Wied il-Ghajn u xebbah l-istatura tal-aggressur tieghu ma' dik tal-appellant. Fil-fatt qal hekk lill-

[7] Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina – 24/04/2003.

espert Aquilina wara li tah deskrizzjoni dettaljata tal-persuna u l-mutur u dan dak in-nhar stess tal-akkadut iktar tard ghal habta tal-11:50a.m.:

> **“Dak li semmejt xebbahtu ma’ Ronnie Azzopardi maghruf bhala ‘Is-Sufu’ li hu minn Bormla u li kont rajtu ftit qabel fejn il-bandli.”**

**37.** Mhux biss izda dak in-nhar stess meta mitkellem kemm mill-Ispettur Angelo Caruana kif ukoll mis-Supretendent Carmelo Magri huwa rega’ indikalhom lill-appellant bhala l-persuna li kienet sparatalu. Ighid hekk imbaghad meta jixhed fil-guri:

> **“Smajt hoss ta’ mutur minn warajja ... kelli l-clutch tal-karozza jislipjali … Ksirt mal-genb u hrigtlu idejja jien biex jaqbizni il-mutur. X’hin gie mieghi il-mutur harist lejh, ghax rajtu li baqa’ mieghi u ma qabizniex u kif harist lejh gharaftu mill-ewwel lilu ghax il-helmet kienet minn dawn il-kbar tal-geddum, kellu jigifieri ghajnejh, imniehru u halqu jidher. U kif harist lejh billi qabel rajtu gharaftu, u billi nafu ukoll …”**

**38.** Ikompli jixhed Spiteri illi huwa ghamel ta’ bi ruhu li kien miet meta intalaqat mit-tiri li gew sparati fid-direzzjoni tieghu, billi intelaq ghal fuq l-i*steering wheel*. Ighid izda li f’dak il-hin hares lejn l-aggressur tieghu ghal darb’ohra. Dan kien waqqaf mieghu, osserva li kien qieghed jirrezzja il-mutur u ihares lejh qabel ma saq minn fuq il-post. Meta imbaghad ittiehed lejn l-ghassa ta’ Bormla jindika  lis-surgent li kien ghassa u cioe’ l-illum spettur Tony Cachia sabiex imorru ghall-appellant billi dan kien sparalu. Ikompli jixhed illi huwa mhux biss gharaf lill-appellant bhala l-aggressur tieghu, izda gharaf il-mutur mill-*bumper* tieghu li kellu *sticker* blu u il-fanal kellu *cover* ahmar u mill-hoss tieghu induna li dan kien tat-tip *scrambler*. Jerga’ jishaq lejn tmiem id-deposizzjoni tieghu illi kien l-appellant li f’dik il-lejla spara fid-direzzjoni tieghu.

**39.** Issa l-gurati ghogobhom jaghtu affidament lil din il-verzjoni li fis-sustanza taghha hija identika ghal dik moghtija lill-espert Richard Aquilina. L-uniku divergenza tezisti fil-fatt illi filwaqt illi lill-espert ighidlu li kellu suspett biss fl-appellant sussegwentment dan is-suspett isir certezza. L-ufficjali tal-pulizija li investigaw il-kaz u cioe' l-Ispettur Carmelo Magri u l-ispettur Tony Cachia ukoll isostnu illi Spiteri mal-ewwel kien indikalhom lill-appellant bhala l-aggressur tieghu tant illi huma f'dak il-lejl stess marru minnufih sabiex ifitxxu lil Azzopardi izda meta huma habbtu il-bieb tar-residenza tieghu dan ma wegibhomx. Azzopardi imbaghad gie arrestat u interrogat l-ghada.

**40.** Il-Qorti moghnija bir-regoli illi tfasslu fil-kawza **R vs Turnbull** fl-Ingilterra, li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, ghandha linji gwida imfassla fil-kaz tal-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi dana gie ukoll sottolinjat f'sentenza moghtija minn din il-Qorti (kif diversament ippresjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** (deciza 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat esposizzjoni tar-regoli Turnbull fid-decizjoni taghha:

> "***First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defense alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.***
>
> ***Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally,***

***had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.***

***Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.***

***All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.”***

**41.** Dan ghaliex l-identifikazzjoni jew ir-rikonoxximent maghmul mix-xhud jibqa’ dejjem suxxettibbli ghall-imperfezzjonijiet tal-osservazzjonijiet umani u ghall-possibbilitajiet kollha ta’ zball genwin illi ifisser allura illi min hu imsejjah biex jiggudika irid japplika dik il-kawtela specjali qabel ma jasal ghal kundanna ibbazata fuq dik l-identifikazzjoni.

**42**. Issa ghalkemm ma jidhirx illi l-Imhallef ta direzzjoni lill-gurati f’dan ir-rigward, ghalkemm spjegalhom ir-regoli kollha tal-evidenza u dwar l-apprezzament tal-provi, din il-Qorti xorta wahda tqies illi bil-provi li kellhom quddiemhom il-gurati setghu ragjonevolment jasslu ghal konkluzjoni li wasslu ghaliha. Dan qed jinghad ghaliex ma hemm l-ebda prova b’sahhitha bizzejjed fl-

atti, u dan fuq bilanc ta’ probabbilita`, billi dan huwa l-grad tal-prova li irid jilhaq l-appellant, li ixejjen x-xhieda ta’ Spiteri li hija wahda preciza u dettaljata u li kif inghad fis-sustanza hija l-istess bhal dik moghtija *a tempo vergine*.

**43.** Ibda biex l-*alibi* li iressaq l-appellant ma humiex b’sahhithom. Jaqblu it-tlieta li huma fl-inqas dettall dwar dak li allegatament ghamlu f’dak il-lejl u cioe’ li ghal xi raguni l-appellant flimkien ma’ Rita u binha Clayton Azzopardi, li dak iz-zmien kien ghadu tifel ta’ erbatax-il sena, ghogobhom johorgu dawra ma’ Malta bil-karozza proprju fil-hin li sehh l-event kriminuz, b’ Rita Azzopardi ghal xi raguni inspjeggabli u b’kumbinazzjoni tiddeciedi tmur thabbat il-bieb ta’ Mary Rose Cassar biex titlobha il-hlas ghal xi kera, ftit tal-hin wara li sehh is-sinistru sabiex b’hekk tinholoq prova li l-appellant kien fil-kumpanija taghha f’dak il-hin. Madanakollu Cassar fix-xhieda taghha ghalkemm tikkonferma illi Azzopardi verament habbtitilha il-bieb madwar is-siegha ta’ fil-ghodu f’dak il-lejl tghid illi fl-ebda hin ma innotat li fil-kumpanija taghha kien hemm ukoll l-appellant. *Di piu’* ghalkemm dawn it-tnejn minn nies u cioe’ l-appellant u Azzopardi jallegaw li kienu flimkien f’dak il-hin ta’ bil-lejl, madanakollu mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni irrizulta illi kien hemm kuntatt telefoniku bejn dawn it-tnejn minn nies proprju ftit tal-hin wara li sehhet l-isparatura. Illi fir-rigward ta’ dan il-kuntatt telefoniku, Rita Azzopardi tallega illi dan sehh meta waqqghet l-apparat cellulari taghha meta wasslu vicin l-ajruport, u sabiex tivverifika jekk kienx qed jahdem tallbet lill-appellant icemplilha. Tichad madanakollu li kien hemm xi konversazzjoni telefonika bejniethom, izda mill-provi li hemm fl-atti fir-rigward ta’ dan il-kuntatt telefoniku, jirrizulta illi wahda mill-komunikazzjonijiet kienet twila madwar tmintax-il sekonda.

**44.** Meta allura dan jitqabbel max-xhieda ta’ Spiteri, li jibqa’ jinsisti tul il-kors tax-xhieda tieghu, anke in kontro-ezami, illi huwa gharaf lill-appellant, li *del*

*resto*, jidher li kien bniedem li kien jafu sew u li kien ghadu kemm ra ftit tal-hin qabel gewwa Wied il-Ghajn fejn jaghti deskrizzjoni preciza tad-dinamika tal-isparatura, din il-Qorti tqies illi il-gurati ma ezercitawx id-diskrezzjoni fdata lilhom bil-ligi b'mod erronju.

**45.** Finalment, dwar il-prova li saret permezz tal-mutur ghandu johrog mill-atti illi hekk kif inbdew l-investigazzjonijiet mill-pulizija nstab mutur bl-istess deskrizzjoni bhal dik li kien tahom Spiteri iktar kmieni. Dan il-mutur kellu access ghalih l-appellant, tramite is-siehba tieghu Rita Azzopardi li kellha ic-cavetta tal-garaxx fejn kien jinstab, ghalkemm ma kenitx l-uniku persuna b'tali access. Il-mutur kien jintuza minn hu l-appellant Jason Azzopardi li kien inqatel ftit taz-zmien qabel minn hu il-vittma u cioe' minn certu Melchior Spiteri. Issa tul il-kors tal-guri irrizulta illi l-mutur li kien hemm esebiet fl-atti u li kien qieghed jinzamm fil-*compound* tal-pulizija gewwa St. Andrews, kellu l-fanal tieghu nieqes, ghalkemm dan jidher illi kien prezenti ftit gimghat qabel il-bidu tal-guri u dan fuq konferma tal-Prosekutur kif ukoll tad-difiza. Irrizulta illi c-cineg li kienu jorbtu l-fanal mal-mutur kienu gew imqacctin. Fil-fatt saret inkjesta magisterjali, u il-*proces verbal* gie esebiet in atti tul is-smigh ta' dan l-appell, minn fejn irrizulta li kien hemm suspett ta' tbaghbis fil-provi.

**46.** Jidher illi sabiex jezamina dan il-mutur kien gie mahtur l-espert Joseph Zammit mill-Inkwirenti, li hejja rapport esebiet in atti, u li xehed b'mod estensiv u ghall-iktar minn darba waqt il-guri. Illi mill-ezamijiet maghmula minnu irrizultalu illi l-mutur kien fih xi ftit tas-sadid u kellu il-*clutch* li ma kienx jiffunzjona tajjeb, u li ghalhekk setghu jindikaw illi l-mutur kien ilu xi zmien ma jinstaq. Madanakollu huwa ma jeskludiex illi l-mutur seta' instaq ftit granet qabel ma ghamel l-ispezzjoni tieghu fuqu*, a tempo vergine*, ghalkemm il-*clutch*

kien jehel, b'dan illi waqt is-sewqan il-magna ma tkunx tista' tintefa ghaliex altrimenti ma tkunx tista' terga taqbad facilment. Ighid hekk l-espert:

> **"... jekk bniedem ikun intiz li jirkeb il-motorcycle sewwa kien seta' jigi uzat..."**

**47.** Fix-xhieda tieghu fil-fatt Giovanni Spiteri ighid illi lill-appellant kien jarah isuq il-muturi u kien hemm okkazzjoni fejn rah isuq il-mutur mertu tal-kaz ukoll. Ikompli hekk l-espert:

> **"il-motorcycle instab intatt minghajr hsara ghajr ghad-difett imsemmi li ma jirrendihx inutilizzabbli billi jista' facilment jintuza minn persuna li tkun tirkeb il-muturi sewwa u jista' jintuza fit-triq."**

**48.** Dan ighid li seta' isehh bi procedura ohra:

> **"billi jigi ingranat fuq *gear* permezz ta' imbuttatura fuq il-*gear* tistartja l-magna u jibqa jintuza hekk kullimkien."**

**49.** Illi ukoll ghalkemm il-mutur kellu xi sadid u trab prezenti, madanakollu l-espert ma setax jeskludi illi l-mutur, ghalkemm ma kienx jintuza spiss, seta' intuza jumejn qabel ma gie ezaminat minnu.

**50.** Stabbilit kwindi illi l-mutur seta' jinstaq ghalkemm kellu certi difetti jifdal biex jigi sorvolat il-kwezit dwar il-fanal tal-mutur li gie nieqes wara li l-mutur gie ittrasportat mill-*compound* tal-pulizija gewwa St. Andrews lejn il-Qorti qabel ma beda il-guri. Dan il-fanal jidher illi kien gie nieqes u ma kienx ghadu f'postu meta ingieb a konjizzjoni tal-gurati. Wara investigazzjoni li saret mill-pulizija fil-kors tal-guri instab fanal li skont l-espert Joseph Zammit kien jiffittja ezatt mal-mutur izda kellu ic-cineg tieghu imqacctin. Illi l-espert wara ezami li ghamel ta' dan il-fanal ikkonkluda li dan kien finta u  allura ma setax kellu dawl

fih. Illi d-difiza tiggranfa ma' din il-konkluzjoni sabiex tpoggi dubbju fil-verzjoni moghtija mill-vittma li jikkontendi illi dak in-nhar tas-sinistru osserva dawl gej minn warajh meta sema il-hoss tal-mutur. Isostni l-appellant illi allura huwa inverosimili illi kien l-istess mutur gjaldarba l-espert ikkonkluda illi l-mutur li huwa esebit in atti ghandu il-fanal tieghu ma jixghelx.

**51**. Issa kif jirrizulta mill-konkluzjoni tal-inkjesta magisterjali li saret marbuta ma' dan il-fanal, jirrizulta illi kien hemm "*tampering of evidence*", ghalkemm l-malvivent baqa' ma inqabadx. Dan ifisser illi jkun perikoluz ferm ghal din il-Qorti tistrieh fuq il-konkluzjonijiet raggunti mill-espert tal-Qorti Joseph Zammit marbuta ma' dan il-fanal billi huwa nieqes l-element tal-kontinwita' tal-evidenza. Illi s-sekwenza tal-evidenza hija marbuta qisha b'katina invizibbli li ghandha issegwi l-ordni mill-identifikazzjoni taghha, ghal gbir ta'l-istess, fejn wara issir l-analizi ikun hemm il-preservazzjoni taghha, imbaghad tigi ikkustodita sakemm isehh it-trasport u finalment l-presentazzjoni l-Qorti bhala evidenza. Issa jekk din il-katina f'xi parti minn din is-sekwenza tinkiser, allura dik il-prova ma tibqax wahda b'sahhtiha. Illi din il-Qorti illum ghandha quddiema l-konkluzjoni ta' inkjesta magisterjali li tistabbilixxi car u tond illi din is-sekwenza ma gietx osservata u dan fir-rigward tal-mutur muri lill-gurati fil-kors tal-guri. Dan ifisser allura illi ghalkemm jista' jigi konkluz mir-ritratti esebieti illi l-mutur huwa l-istess wiehed bhal dak elevat mill-pulizija, madanakollu l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tal-fanal tieghu li ghamel xi zmien gie nieqes, imbaghad rega' instab. Huwa inutli ghalhekk ghall-appellant illi jistrieh fuq il-kostatazzjonijiet maghmula mill-espert Joseph Zammit fil-kors tal-guri fir-rigward tal-fanal tal-mutur ghar-ragunijiet migjuba. Fuq kollox ma jidhirx illi l-espert tal-qorti irrelata dwar il-funzjonabbilita' tal-fanal *a tempo vergine* meta irrediga r-rapport tieghu u qatt ma gie mitlub jaghmel dan lanqas tul il-kors tal-kumpilazzjoni, biex b'hekk f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri din

il-Qorti ma tistax issa tistrieh fuq il-konkluzjonijiet minnu raggunti waqt il-guri ghar-ragunijiet migjuba.

**52.** Illi finalment jinghad illi l-gurati kellhom ghad-disposizzjoni taghhom mhux biss il-mutur stess li huma raw *ictu oculi* flimkien mal-espert tal-qorti fil-kors tal-guri, izda ukoll ir-ritratti kollha li kien hemm esebieti ta’ dan il-mutur, apparti l-ispjegazzjoni li tahom l-istess espert dwar il-kundizzjoni tieghu u jekk kienx verosimili illi dan seta’ intuza fis-sinistru mertu tal-kaz. Illi ezaminati l-provi kollha li kien hemm fl-atti ma jirrizultax lil din il-Qorti illi l-gurati wasslu ghal konkluzjoni erronja illi l-appellant kien hati tal-akkuzi addebitati lilu.

**53.** Dan ghaliex abbinat ma’ dawn il-provi, imbaghad, tirrizulta mir-rapport tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, kif spjegat dettaljatament fix-xhieda tieghu, is-sejba ta’ particella wahda unika ta’ *gun shot residue* fuq il-flokk tal-appellant, u precisament “minn fuq il-pulzier tal-lemin tal-flokk” li kien libes l-appellant, li ghalkemm hija wahda minima, madanakollu meta titpogga qalb il-provi kollha li hemm fl-atti tissostanzja il-verzjoni tal-vittma, u mhux ta’l-akkuzat, appellant f’dawn il-proceduri. Rigward il-particelli tal-*GSR* (*gun shot residue*) gie stabbilit illi meta l-particelli ikunu **unici** jikkonsistu minn *lead*, *barium* u *antimony* flimkien (f'particella wahda). Din il-particella hija unika ghax tifforma biss bid-*detonation* u l-*ignition* tal-*cartridge* tal-arma tan-nar. Dana jindika li persuna ikun spara, jew kien qrib ta xi hadd li spara jew inkella mess xi arma tan-nar li ghada kemm giet uzata. Minn naha l-ohra l-particelli ta’GSR jistghu ikunu **indikattivi** u jikkonsistu minn *lead* u *barium* (f'particella wahda) jew *lead* u *antimony* (f'particella wahda) jew xi elementi ohra. Meta tkun indikattiva hija difficli sabiex wiehed jasal ghal konkluzjoni certa minhabba l-fatt li il-particelli setghu gew minn xi sors iehor, apparti minn arma tan-nar, bhal per ezempju xi loghob tan-nar. Issa kif inghad fuq il-hwejjeg tal-appellant instabet biss

particella wahda unika, b'particelli indikattivi jinstabu f'partijiet fil-wicc bhal widnejn u l-imnifsejn u fuq il-flokk u il-*jeans* li kien liebes. Illi kif inghad ghalkemm dawk indikattivi ma iwasslu ghall-ebda konkluzjoni, madanakollu abbinati maghhom hemm particella wahda unika fuq il-komma tal-flokk tieghu. Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-appellant ma jindikax illi kien f'xi post fejn seta' gie milqut minn xi porvli jew inkella li f'xi hin mess b'idejh xi arma tan-nar sabiex b'hekk ma jaghtix spjegazzjoni u dan fuq bazi tal-probabbli, dwar x'seta' wassal ghal presenza ta' dawn il-particelli.

**54.** Illi ezaminati mill-gdid dawn il-provi allura din il-Qorti, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq migjuba, ma tarax illi l-gurija popolari f'dan il-kaz ezercitat id-diskrezzjoni taghha hazin u dan meta ghamlet l-apprezzament tal-provi kollha li kien hemm fl-atti biex b'hekk dan l-aggravvju qed jigi michud.

<u>**L-aggravvju marbut mal-piena**</u>

**55.** Illi fl-ahhar aggravju minnu intentat l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva. Isejjes dina l-lanjanzi fuq zewg fatturi u cioe' l-isfond socjali u familjari li fih kien ighix fejn sahanistra huh, Jason, spicca maqtul minn hu il-vittma Melchior Spiteri, kif ukoll minhabba t-tul taz-zmien li dam ghaddej dan il-process gudizzjarju. Jishaq ukoll illi l-feriti sofferti mill-vittma kienu ta' natura hafifa u ukoll il-verdett ma kienx wiehed unanimu b'sejbien ta' htija b'sebgha voti kontra tnejn. Jikkontendi allura illi meta l-Ewwel Qorti erogat piena ta' ghoxrin sena prigunerija, din kienet ixaqqleb lejn il-massimu tal-parametri imfassla fil-ligi ta' bejn sebgha u tletin sena, bil-piena allura fil-fehma tieghu ma kellhiex tkun aktar minn tnax-il sena prigunerija.

**"Ta' spiss gie osservat minn din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"[8].**

**56.** Illi huwa indubitat illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi.

**57.** Issa, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef:

**"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**

**58.** F'dan il-kaz taht il-lenti tal-Qorti certament ma jezistux ic-cirkostanzi sabiex isehh xi risarciment u lanqas ma jirrizulta xi bazi sabiex il-Qorti tfittex ir-riforma tal-hati. L-appellant gie misjub hati illi huwa recidiv. Il-fedina penali tieghu tindika karattru refrattarju b'kundanni jirrisalu sa mis-sena 1991. Illi l-isfond socjali u familjari li fih trabba u ghex l-appellant jidher illi huwa mibni fuq il-kriminalita' fejn ir-risoluzzjoni tad-disgwid isarraf fil-vjolenza. Illi ghalhekk il-

[8] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene' sive Nazzareno Micallef 28/11/2006 App.Sup.

Qrati huma fid-dmir li irazznu dan l-atteggjament u dan billi tigi imposta piena karceraja li tirrifletti s-serjeta' tal-konsegwenzi ta' din it-tip ta' imgieba devjanti u anti-socjali.

> **"Il-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jippristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika.[9]"**

**59.** Illi allura maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqies illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx xi wahda ececssiva fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn l-appellant bil-hsieb volut ried inehhi l-hajja umana li ghalih tidher li ghandha prezz baxx hafna, u dan meta spara arma tan-nar f'post pubbliku fejn setghu intlaqtu sahansitra nies innocenti. Ghaldaqstant dan l-aggravvju lanqas ma jisthoqqlu akkoljiment.

**60.** Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon - Agent President**

**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

---

[9] Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi App. Inf. (30/07/2004)